

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata li espressament tiddikjara l-validità tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Nru 12 817 052“TASER” għall-prodotti kollha rreġistrati taħt il-klassi 8;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti, Taser International, Inc., għall-ispejjeż tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, inklużi dawk marbuta mal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 60(1)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 60(1)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2019 — Martínez Albainox vs EUIPO — Taser International (TASER)

(Kawża T-342/19)

(2019/C 255/63)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Martínez Albainox, SL (Albacete, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Taser International, Inc. (Scottsdale, Arizona, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni “TASER” bil-kuluri iswed, isfar u aħmar — Trade mark tal-Unjoni Nru 11 710 134

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Marzu 2019 fil-Każ R 1576/2018-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata li espressament tiddikjara l-validità tar-trade mark figurattiva tal-Unjoni Nru 11 710 134 "TASER" (fig.) għall-prodotti kollha rreġistrati taħt il-klassijiet 18 u 25;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-intervenjenti, Taser International, Inc., għall-ispejjeż tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, inklużi dawk marbuta mal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 60(1)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ġunju 2019 — Decathlon vs EUIPO — Athlon Custom Sportswear (athlon custom sportswear)

(Kawża T-349/19)

(2019/C 255/64)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Decathlon (Villeneuve-d'Ascq, Franza) (rappreżentanti: A. Cléry u C. Devernay, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Athlon Custom Sportswear P.C. (Kallithea, il-Greċja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva athlon custom sportswear — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 162 596

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni